Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 49/2008

**Josephine mart Peter Paul Vella u Paul Mizzi**

**Vs**

**Maria Rita Meilak u Eucharist Mizzi**

**<u>Rikors guramentat prezentat fis-27 ta' Mejju 2008</u>**.

Il-kontendenti huma ahwa. Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li jinqasam il-wirt ta' missierhom John Mizzi li miet fit-2 ta' Jannar 1996 u jircievu l-porzjon rizervata mill-wirt ta' ommhom Giuseppa Mizzi li mietet fl-24 ta' Gunju 2007. L-atturi talbu li l-qorti:-

1. Tillikwida l-beni li jifformaw il-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin John u Giuseppa konjugi Mizzi.
2. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari tal-mejtin.

3. Tillikwida l-beni partikolari ta' John Mizzi billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu, u dawk l-assi parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Taqsam il-beni ta' John Mizzi f'erbgha porzjonijiet bejn il-kontendenti, u tassenja sehem lil kull wiehed mill-partijiet.
5. Tahtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' divizjoni.
6. F'kaz li jirrizulta li l-beni m'humiex kommodament divizibbli, tordna l-bejgh b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet.
7. Tillikwida l-beni ta' Giuseppa Mizzi billi tiddikjara li dawn jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti u dawk l-assi parafernali li jirrizultaw waqt il-kawza.
8. Tillikwida l-porzjon rizervata li tispetta lill-atturi fuq il-wirt u successjoni ta' ommhom Giuseppa Mizzi.
9. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu din il-porzjoni bl-interessi legali fuq l-ammont eventwalment likwidat b'effett mid-data tal-mewt ta' Giuseppa Mizzi sad-data tal-pagament effettiv, fit-termini tal-Artikoli 615(2) u 1139 tal-Kodici Civili.

**<u>Risposta Guramentata tal-konvenuti prezentata fid-9 ta' Lulju 2008</u>** (fol. 40).

Il-konvenuti eccepew:-

1. Ghal dak li jikkoncerna l-wirt ta' John Mizzi, il-konvenuti qatt ma opponew li ssir il-likwidazzjoni u qasma tal-wirt prevja li jigi stabbilit il-konsistenza tal-assi u jigu verifikati l-kwoti.
2. Eucharist Mizzi m'huwiex werriet ta' ommu u qieghed jirrinunzja ghall-wirt ta' ommu bla pregudizzju ghad-dritt li jippercepixxi l-legat li hallietlu ommu fis-somma ta' Lm3,000 u li jiehu s-sehem rizervat li jispetta lilu skond il-ligi.
3. Maria Rita Meilak qatt ma opponiet u m'hijiex topponi li taghti lil hutha s-sehem rizervat, b'dan li fil-komputazzjoni ghandhom jidhlu l-flus li Giuseppa Mizzi kienet tat u ddonat lill-karitajiet mir-rikavat tal-bejgh li sar bl-att tan-nutar Dr Kristen Dimech tal-25 ta' Marzu 2003, l-

ispejjez tal-funeral, u jigu likwidati s-servigi li rrendiet lill-ommha ghal numru ta' snin.
4. Il-konvenuta baqghet ma waslitx fi ftehim ma' hutha dwar il-hlas gust u reali tas-sehem rizervat billi dawn kienu qeghdin jitolbu ammonti kbar, u ghalhekk l-intransigenza tal-aturi ghandha tirrifletti ruhha fil-kap tal-ispejjez.

**<u>Fatti</u>**.

Fil-qosor il-fatti huma dawn:-

1. John Mizzi, missier il-kontendenti, miet fit-2 ta' Jannar 1996. Ghamel testment *unica charta* fit-30 ta' Marzu 1967 fl-atti tan-nutar Dr Michael Refalo u istitwixxa lill-kontendenti bhala eredi tieghu fi kwoti ndaqs bejniethom.
2. Permezz ta' kuntratt li sar fl-1 ta' Marzu 2000 fl-atti tan-nutar Maria Grima, omm il-kontendenti ttrasferiet b'donazzjoni lill-konvenuta Meilak *"...... d-drittijiet kollha spettanti lilha mill-fond numru ghoxrin (20) fi Triq it-tmienja u ghoxrin (28) t'April tas-sena elf sitt mija u tmienja u tmenin (1688), Qala, Ghawdex. Id-Donatarja tobbliga ruhha illi tibqa' tippresta lid-donanti dawk is-servigi, kuri u assistenzi li hija jkollha bzonn sal-gurnata tal-mewt ta' l-istess donanti"* (fol. 23). Fil-kuntratt gie dikjarat li l-valur tal-fond hu ta' Lm10,000.
3. Giuseppa Mizzi, omm il-kontendenti, mietet fl-24 ta' Gunju 2007 meta kellha 85 sena. B'testment li ghamlet fl-4 ta' Ottubru 2003 fl-atti tan-nutar Maria Grima rrevokat kull testment li setghet ghamlet. Halliet diversi legati u halliet lil bintha Maria Rita Meilak bhala werrieta universali taghha. Kull ma halliet lill-atturi u lil Eucharist Mizzi kien legat ta' Lm3,000 kull wiehed.
4. Fid-9 ta' Novembru 2007 (fol. 19-20) fil-qorti volontarja minkejja li m'huwiex werrieta ta' ommhom, l-atturi pprezentaw nota fejn iddikjaraw li qeghdin jirrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom u kull wiehed irrizerva l-jedd li jitlob il-porzjon rizervata. L-istess ghamel il-konvenut Eucharist Mizzi fejn irrinunzja ghall-wirt ta' ommu permezz ta' nota li pprezenta fid-9 ta' Lulju 2008

(fol. 43)[1] fil-Qorti Volontarja u rrizerva d-dritt ghall-legat li thalla lilu u l-porzjon rizervat.

5. Fid-9 ta’ Lulju 2008 il-konvenut Mizzi pprezenta nota fil-qorti volontarja li permezz taghha rrinunzja ghall-wirt ta’ ommu u zamm ferm id-dritt ghall-hlas tas-sehem rizervat (fol. 43).

6. Il-gid tat-testaturi kien jinkludi l-fond numru 20, Triq it-28 ta’ April 1688, Qala. Fil-verbal li sar fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2009 (fol. 258) gie dikjarat:- *“il-partijiet qeghdin jaqblu li fir-rigward tal-fond intier 20, Triq it-28 ta’ April 1688, Qala s-sehem li jappartjeni lill-wirt ta’ l-omm huwa ta’ 7/8 u s-sehem li jappartjeni l-wirt tal-missier hu ta’ 1/8. Ghall-fini ta’ pratticita u sabiex ma jsirux iktar spejjez bla bzonn il-partijiet qeghdin jaqblu li m’humiex ser jidhlu fil-kwistjoni dwar liema parti mill-fond hi parafernali ta’ l-omm u liema parti mill-fond tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-genituri, dan qieghed ukoll jinghad ghaliex il-partijiet qeghdin jaqblu li fis-sentenza l-qorti ghandha tillikwida ammont li ghandu jithallas ghall-porzjon rizervata fir-rigward tal-wirt ta’ l-omm u s-sehem spettanti mill-wirt tal-missier.”*.

7. Minn korrispondenza li pprecediet il-kawza jirrizulta li Meilak kienet qeghda tippretendi li fil-kalkoli ghandhom jitqiesu s-servigi li tat lill-ommha fuq perjodu ta’ 11 il-sena. Skond ittra datata 6 ta’ Novembru 2007 (fol. 49) mibghuta mid-difensur ta’ Meilak jinghad li kellha tithallas Lm25 ghal kull gurnata ghall-ahhar 3 snin ta’ hajja tal-omm, Lm20 ghal 4 snin ta’ qabel u Lm15 ghal kull gurnata ghall-ewwel 4 snin. Inoltre ppretendiet ukoll Lm10 ghal kull gurnata fuq perjodu ta’ 10 snin, f’liema zmien issostni li kienet qeghda tiehu hsieb lill-ommha fid-dar fejn kienet tghix.

8. Fid-9 ta’ Novembru 2007 il-konvenuti nterpellaw lill-ohthom Rita Meilak sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon rizervata li ghandhom dritt ghaliha mill-wirt ta’ ommhom Giuseppa Mizzi (fol. 30).

9. Fis-27 ta’ Mejju 2008 l-atturi pprezentaw il-kawza.

**<u>Wirt tal-missier John Mizzi</u>**:-

[1] Kuntrarjament ghal dak li allegaw l-atturi fin-nota ta’ sottomissjonijiet, in-nota ta’ rinunzja giet prezentata.

Jirrizulta li kull m'hemm f'dan il-wirt hu 1/8 mill-fond numru 20, Triq it-28 ta' April 1688, Qala, Ghawdex. Il-perit tekniku Frank Muscat irrelata li l-fond intjier ghandu valur ta' €280,000 (fol. 237). Wara li l-perit tekniku kkunsidra l-benefikati li kienu saru matul l-ahhar hames snin (ara digriet tat-13 ta' Novembru 2009), irrelata li l-fond ghandu valur ta' *"...... €190,000 (mija u disghin elf ewro) qabel ma bdew ix-xogholijiet imsemmija."* (fol. 263). **Dan ifisser €23,750 bhala s-sehem indiviz ta' 1/8, u sehem ta' €5,937.50 lil kull wiehed mill-kontendenti**.

Ma' dan l-ammont ghandha tizdied is-somma ta' €3,494 valur ta' nofs il-mobbli li kien hemm fid-dar u li qieghed jigi ffissat mill-qorti arbitrio *boni viri* minhabba li ma tressqux provi. Fil-lista li pprezentaw l-atturi m'ghamlux riferenza ghal xi mobbli kuntrarjament ghal konvenuti, b'dan li l-qorti qeghda tifhem li ma kienx hemm oggetti ta' wisq valur. F'dan ir-rigward is-sehem li kellu John Mizzi ser jigi assenjat lill-konvenuta Meilak li jkollha thallas lil kull wiehed minn hutha s-somma ta' **€873.51**.

Ghalkemm Giuseppa Mizzi ghamlet *legato di cosa altrui* fir-rigward ta' dan is-sehem favur il-konvenuta Meilak[2], hu ovvju li dan ser jibqa' bla effett in kwantu l-uniku werrieta taghha hi l-istess Meilak.

**<u>Wirt tal-omm Giuseppa Mizzi</u>**:-

L-atturi qeghdin jitolbu li jinghataw s-sehem rizervat mill-wirt ta' ommhom. Skond l-Artikolu 611(1) tal-Kodici Civili s-sehem rizervat li jmiss lit-tfal kollha *"...ghandu jkun terz tal-valur tal-beni jewkk dawk it-tfal ma jkunux izjed minn erba' fl-ghadd....."*. Dan ifisser li kull wiehed mill-atturi ghandu dritt ghal parti minn tnax (1/12). Bl-emendi ntrodotti bl-Att 2004 illum il-gurnata l-jedd huwa ghal *"..... **kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet**. Mghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh*

[2] Il-Hames Artikolu tat-testment (ara fol. 17).

*tas-successjoni jekk is-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn."* (Artikolu 615).

M'hemmx dubju li l-omm ippreferiet lil bintha. Fil-fatt lill-atturi u l-konvenut Eucharist Mizzi hallietilhom legat ta' Lm3,000 (€6,988) kull wiehed mill-atturi. Il-konvenut xehed li ommu tatu din is-somma matul hajjitha.

Ghal dak li hu attiv jirrizulta li Giuseppa Mizzi kellha kont bankarju savings mal-Bank of Valletta numru 12417775013 (fol. 71). Dan il-kont kien ukoll f'isem il-konvenuta Meilak. Mir-rendikont li gie esebit jirrizulta li:-

- **Fil-21 ta' Jannar 2003** giet depozitata s-somma ta' **Lm5,000** li skond il-konvenuta hu s-sehem li rceviet ommha mid-depozitu li kien thallas fuq konvenju ghall-bejgh tal-fond 24, Triq San Frangisk, Qala, Ghawdex (ara affidavit tal-konvenuta Meilak a fol. 158).
- **Fit-28 ta' April 2003** sar depozitu ta' **Lm29,600,** rikavat minn bejgh tal-fond fuq imsemmi u li sar fil-25 ta' April 2003 b'kuntratt pubblikat min-nutar Dr Kristen Dimech (fol. 31). Fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2008 il-konvenuta Meilak ikkonfermat li dawn kienu flus ommha (fol. 84).
- **Fis-7 ta' Ottubru 2003** is-somma ta' **Lm20,594** (€47,971) giet irtirata. Il-konvenuta Meilak ikkonfermat li kienet gibdet dawn il-flus u poggithom f'kont iehor[3]; *"Jiena bhalissa ma hiniex qed niftakar. Id-domandi li qed taghmilli l-Qorti qeghdin ihawduni u ghandi bzonn nara l-accounts biex niftakar. Bhala fatt zgur pero illi l-ghoxrin elf u hames mija u erbgha u disghin (20,594) irtirajthom u ddepozitajthom f'kont iehor."* (fol. 85). L-attrici pprezentat statements ta' kont bankarju taghha numru 40012887792 (fol. 93-112) u ddikjarat li f'dan il-kont hemm flus fl-ammont ta' Lm9,709.42 li jappartjenu lil Giuseppa Mizzi mill-bejgh tal-post ta' Dun Mikiel Buttigieg, jirrizulta li dan il-kont, li hu *fixed account* ghal tlett xhur, infetah fis-7 ta' Ottubru 2003 bis-somma ta' **Lm17,000 (€39,599)**. Ma

[3] A fol. 131 hemm kopja tal-*withdrawal slip*.

jirrizultax li matul is-snin saru iktar depoziti f'dan il-kont, u jirrizulta li minn zmien ghal zmien kienu qeghdin jinhargu xi flus meta jaghlaq iz-zmien. Il-konvenuta Meilak tippretendi li l-ammont li jifforma parti mill-wirt ta' Giuseppa Mizzi hu **Lm9,709.41**.

- Fid-data tal-mewt ta' Giuseppa Mizzi fil-kont taghha kien hemm bilanc ta' **Lm6,002** (ekwivalenti ghal €13,980).

Il-konvenuta Meilak xehedet li: *"Mid-dhul tal-pensjoni, imghax, u l-flus li wirtet Giuseppa Mizzi mill-bejgh tal-post ta' Dun Mikiel Buttigieg li kien baqgha meta mietet...... **Lm17,467.77 (€40,688.96).**"* (fol. 157). Spjegat ukoll li mir-rikavat tal-bejgh ommha kienet nefqet madwar Lm19,715 (€45,923.59) li minnhom l-atturi m'humiex jikkontestaw is-somma ta' Lm5,745 (€13,381). Jirrizulta wkoll li fis-7 ta' Ottubru 2005 Giuseppa Mizzi tat is-somma ta' Lm3,001 lil binha Eucharist Mizzi, flus li ttiehdu mill-kont numru 12417775013 (fol. 130).

Giuseppa Mizzi kienet ukoll tircievi l-pensjoni li kienet qeghda tigi depozitata fil-kont bankarju tal-Bank of Valletta numru 12417775013[4]. Fl-ahhar sena ta' hajjitha kienet qeghda tircievi s-somma ta' Lm187.72 kull erbgha gimghat bhala beneficcju socjali. Kienet qeghda tircievi wkoll is-somma ta' Lm30.75 kull xahar bhala pensjoni.

Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2009 gie verbalizzat: *"Min-naha ta' l-atturi ghadhom qeghdin jinsistu li fir-rigward tad-depoziti bankarji l-kalkoli ghandhom isiru fuq l-ammont shih, filwaqt li l-konvenuta Meilak issostni li l-kalkoli ghandhom isiru fuq il-bilanc tal-flus depozitati fil-bank fiz-zmien tal-mewt ta' Giuseppa Mizzi."* (fol. 264).

Il-qorti hi tal-fehma li ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-flus li kellha Giuseppa Mizzi, il-kalkoli ghandhom isiru fuq is-somma ta' **Lm28,096 (ekwivalenti ghal €65,446)**[5]. Il-konvenuta tat rendikont tad-donazzjonijiet li qalet li

[4] Ara rendikont a fol. 71.

[5] **Lm20,594 + Lm6,002 + Lm1,500** =Lm28,096 (€65,446). Fir-rigward tas-somma ta' Lm1,500 ara nota li pprezentat Rita Meilak fis-16 ta' Jannar 2009 (fol. 91) fejn iddikjarat li d-dar ghandha, fiz-zmien tal-mewt ta' Giuseppa Mizzi, kien hemm is-somma ta' Lm1,500 li kienu ta' omm il-kontendenti.

ghamlet ommha ghalkemm ma nghatawx dettalji meta saru (fol. 157):-

- **Lm3,000** (€6,988.12) – donazzjoni lill-karitajiet;
- **Lm2,000** (€4,658.75) – inghataw lil Ryan u Pierre ahwa Meilak;
- **Lm1,050** (€2,445.84) – inghataw lil Ryan Meilak waqt li kien qieghed jistudja fis-Seminarju fil-perjodu bejn l-1997 u 1999. Ifisser li din tikkwalifika bhala donazzjoni ghall-edukazzjoni ta' dixxendent.
- **Lm1,000** (€2,329.37) **–** lill-ulied il-konvenut Eucharist Mizzi.

L-atturi qeghdin jikkontestaw li d-decujus ghamlet donazzjonijiet lil karitajiet ta €6,988.12, filwaqt li m'humiex jikkontestaw id-donazzjonijiet l-ohra. Il-qorti hi tal-fehma li ma ngabux provi sodisfacenti li fir-realta' saru donazzjonijiet f'dawn l-ammonti. Xehed Dun Karm Portelli li qal li l-mejta kienet minn zmien ghal zmien taghtih ammonti zghar ta' flus biex jibghathom barra minn Malta lill-huh ghall-missjoni fil-Peru. Bhala prova dokumentarja hemm biss ricevuti li nhargu mill-Bank of Valletta dwar bill-payable li nghataw lil Eucharist Mizzi[6] u Ryan Meilak[7]. Fir-rigward tal-kumplament m'hemmx taghrif dwar meta saru d-donazzjonijiet l-ohra.

Il-qorti mhi konvinta xejn mill-verzjoni li pprovat taghti l-konvenuta meta giet mitluba tispjega kif fid-data meta giet irtirata s-somma ta' Lm20,594.03 (7 ta' Ottubru 2003) mill-kont joint registrat f'isimha u Giuseppa Mizzi, il-konvenuta fethet f'isimha kont fiss mal-Bank of Valletta u fih iddepozitat is-somma ta' Lm17,000. Fix-xiehda taghha l-konvenuta stqarret: *"Jiena bhalissa ma hiniex qed niftakar. Id-domandi li qed taghmilli l-qorti qeghdin ihawduni u ghandi bzonn nara l-accounts biex niftakar. Bhala fatt zgur pero illi l-ghoxrin elf hames mija u erbgha u disghajn (20,594) irtirajthom u ddepozitajthom f'kont*

---

[6] 1 ta' Ottubru 2003 – Lm1,000 lill-konvenut Mizzi li pero jidher li nghataw lil uliedu; 16 ta' Awwissu 2005 – Lm2,500 lil Ryan Meilak – 7 ta' Ottubru 2005 - Lm3,000 lil Eucharist Mizzi li ighid li kien hlas bil-quddiem tal-legat li hallietlu ommu fit-testment tal-4 ta' Ottubru 2003.

[7] 16 ta' Awwissu 2005.

*iehor."* (fol. 85). Il-qorti m'hijiex sodisfatta li l-konvenuta tat spjegazzjoni kif is-somma ta' Lm17,000 spiccat f'kont personali taghha u ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar x'sar mill-bilanc ta' Lm3,594. Ghalhekk tqies li s-somma li giet irtirata fis-7 ta' Ottubru 2003 mill-kont li kien registrat ukoll f'isem Giuseppa Mizzi[8], inzammet kollha kemm hi mill-konvenuta.

Fin-nota li pprezentaw fis-6 ta' Jannar 2009 il-konvenuti ddikjaraw li l-wirt ta' ommhom kien jinkludi sehem mill-fond numru 20, Triq it-28 t'April 1688, Qala, Ghawdex u taw deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-fond li kienet proprjeta tal-omm. Kif rajna fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2009 il-partijiet ftehemu dwar is-sehem li kull wiehed mill-genituri kellu mill-imsemmi fond. Ghalhekk m'hemmx htiega li l-qorti toqghod tindaga mill-provi liema parti tal-fond kien proprjeta' ta' Giuseppa Mizzi. Fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2010 il-partijiet iddikjaraw li qeghdin jaqblu li ***".... fir-rigward tal-valur tal-proprjeta fis-sena 2000[9] dan ghandu jitqies li kien ta' €147,500."*** (fol. 336).

L-Artikolu 620 tal-Kodici Civili jipprovdi li meta tikkalkola l-porzjon rizervata:-

*"Fl-assi jidhol dak kollu li minnu t-testatur,* ***b'titolu gratuwitu****, ukoll f'kontemplazzjoni ta' zwieg, ikun iddispona favur ta' xi hadd, minbarra l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti ohra."*.

L-atturi qeghdin jippretendu li s-sehem li kellha ommhom fil-fond (20) fi Triq it-tmienja u ghoxrin (28) t'April tas-sena elf sitt mija u tmienja u tmenin (1688), Qala, Ghawdex ghandu jidhol fl-assi peress li t-trasferiment kien sar b'donazzjoni. Il-konvenuta qeghda toggezzjona ghaliex issostni li d-donazzjoni kienet rimuneratorja, u ghalhekk ma tikkwalifikax bhala donazzjoni. Kien biss waqt it-trattazzjoni li l-konvenuta ressqet dan l-argument peress li qabel kienet qeghda tippretendi li kellu jigi likwidat il-kumpens ghall-ghajnuna li kienet tat lill-ommha matul is-

---

[8] Lm20,594 (€47,971).
[9] Sena li fiha saret id-donazzjoni lill-konvenuta.

snin. Madankollu, il-qorti trid tapplika l-ligi ghall-fatti li jkun irrizultaw mill-provi.

Jibda biex jinghad li fost'l-elementi essenzjali ta' donazzjoni huma:-

i. **L-ispirtu ta' liberalita'** (*animus donandi*), fejn m'hemmx l-intenzjoni ta' min jaghti r-rigal li jircievi xi korrispettiv;
ii. **L-arrikkiment tad-donatarju**, fis-sens li jizdied il-patrominju tieghu.

L-Artikolu 1739 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Jekk id-donazzjoni ssir bi hlas ta' xi xoghol li ghalih id-donatarju kellu jedd ta' azzjoni, ir-regoli partikolari dwar id-donazzjonijiet ma jghoddux,* ***hlief meta l-valur tal-haga moghtija b'donazzjoni jkun izjed, ghall-anqas bin-nofs, mill-hlas li jkun haqqu dak ix-xoghol, u dwar dan iz-zejjed biss."***[10].

Hekk ukoll l-Artikolu 1740 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Ir-regoli partikolari dwar id-donazzjonijiet lanqas ma jghoddu* ***ghad-donazzjoniji et oneruzi*** *lid-donatarju, hlief meta l-valur tal-haga moghtija jkun izjed, ghall-anqas bin-nofs, tal-valur tal-pizijieti ordnat lid-donatarju, u dwar dan iz-zejjed biss."*.

Fil-kuntratt pubblikat fl-1 ta' Marzu 2000 jinghad li ***"Id-donatarja tobbliga ruhha illi tibqa' tippresta lid-***

---

[10] Fis-sentenza **Carmelo Lopez vs Mario Mizzi et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 2006 saret riferenza ghal sentenza ohra ta' dik il-qorti li nghatat fit-13 ta' Jannar 1948 fil-kawza **Lucia Bonnici vs Gio Maria Spiteri**:- *"Il-karattru tad-donazzjonijiet rimuneratorji jvarja skond jekk ghall-hlas tas-servigi d-donatarju kellux azzjoni kontra d-donanti, jew jekk ghas-servigi d-donanti ma kienx hlief sottopost lejn id-donatarju ghal dover morali ta' rikonoxxenza. Fit-tieni kaz id-donazzjoni rimuneratorja hija essenzjalment, u fir-rigward taghha kollha, disposizzjoni purament gratuwita; fl-ewwel* ***kaz id-donazzjoni hija, generalment ta' natura mista, u hija retta mir-regoli kollha li jiggvernaw id-donazzjonijiet oneruzi."***. Certament li l-principju hu li f'kaz ta' servigi m'hemmx presunzjoni ta' gratuwita. F'kazijiet simili l-qorti ghandha l-jedd li tissindika x'tip ta' prestazzjonijiet twettqu sabiex taccerta ruhha li dak li ghamlet id-decujus ma kenitx donazzjoni maskerata bl-intenzjoni li taghmel preferenza mal-konvenuta.

***donanti dawk is-servigi, kuri u assistenzi li hija jkollha bzonn sal-gurnata tal-mewt ta' l-istess donanti."***. Fil-fehma tal-qorti din kienet donazzjoni li saret sabiex Giuseppa Mizzi tikkumpensa lil bintha ghal servigi li kienet diga' pprestat kif ukoll sabiex tkompli tghinha. Mill-provi rrizulta li l-konvenuta kienet hadet hsieb lill-ommha b'mod partikolari fl-ahhar sentejn – tlett snin ta' hajjitha meta Giuseppa Mizzi kienet saret dipendenti fuqha[11]. Rajna kif fil-mori tal-kawza l-partijiet qablu li:-

i. Fiz-zmien tad-donazzjoni l-fond kellu valur ta' €147,500. Il-qorti qeghda tiehu qies tal-valur fiz-zmien li saret id-donazzjoni mehud in konsiderazzjoni dak li ser jinghad iktar 'il quddiem u l-Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili[12].
ii. L-omm kellha sehem ta' 7/8 mill-fond, li jissarraf valur ta' **€129,062**.

Wara li l-qorti qieset ir-relazzjoni ta' konsangwinita', il-mezzi finanzjarji li kellha Giuseppa Mizzi, iz-zmien li kienet dipendenti fuq bintha Maria Rita Meilak, qeghda tiddikjara li s-servigi li rrendiet ghandhom valur ta' **€25,000**. Dan ihalli bilanc ta' **€111,562** li jridu jitqiesu bhala donazzjoni.

**<u>Sehem rizervat</u>**.

L-Artikolu 616 tal-Kodici Civili jipprovdi li s-sehem rizervat li jmiss lit-tfal jekk ma jkunux iktar minn erba' hu ta' terz tal-valur tal-beni[13]. Peress li d-decujus kellha erbat itfal, kull wiehed mill-atturi hu ntitolat li jircievi 1/12 mill-valur tal-beni[14].

Is-sehem rizervat hu jedd fuq il-beni tal-mejjet, u ***".... huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet."*** (Artikolu 615(2) tal-Kodici Civili).

---

[11] F'dan il-kuntest ara x-xhieda ta' Dr Joseph Rapa (fol. 72), Dr Robert Sciberras (fol. 75), Mary Rose Grima (fol. 175), Anthony Prescott (fol. 180) u Patricia Prescott (ol. 182).
[12] Japplika fil-kaz ta' donazzjonijiet in forza tal-Artikolu 1814 tal-Kodici Civili.
[13] Billi Giuseppa Mizzi mietet fl-2007 ghandhom japplikaw il-provvediment tal-ligi kif emendati bl-Att XVIII tal-2004.
[14] Mhux 1/8 kif iddikjaraw l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fid-29 ta' April 2010 (ara fol. 273).

L-Artikolu 620(2) u (3) tal-Kodici Civili jipprovdu li:-

i. Is-sehem rizervat jigi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u spejjez tal-funeral:
ii. Fl-assi ghandu jidhol dak kollu li t-testatur ikun iddispona minnu b'titolu gratuwitu, eskluzi spejjez ta' edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti ohra.

Ghal dak li jikkoncerna l-kalkolu tas-sehem rizervat, ghandna:

*Relictum* (Flus il-bank u d-dar)
€17,474[15]
Sehem decujus mill-mobbli fid-dar €3,494[16]
Spejjez funeral
(€2,317.72[17])

**1. Total..........................................................................€18,650.28**

***Donatum***:-
Donazzjoni lill-konvenuta ta' sehem id-decujus
mid-dar (1 ta' Marzu 2000)
€111,562
Flus li nghataw lill-konvenuta
fis-7 ta' Ottubru 2003[18]
€47,971
Donazzjonijiet li nghataw lil terzi u dwarhom m'hemmx
Kontestazzjoni jew hemm provi dokumentarji
€19,799

**2. Total donazzjonijiet**
**€179,332.**

[15] Flus kontanti fi zmien il-mewt u depozitati fil-kont tal-Bank of Valletta plc numru 12417775013.
[16] Cifra li qeghda tigi stabbilita *arbitrio boni viri* in kwantu ma tressqux provi dwar il-konsistenza ta' dawn l-assi.
[17] Ammont li l-atturi jaccettaw (ara nota ta' sottomissjonijiet – fol. 270).
[18] Flus li ngabru mill-kont 12417775013 u kienu parti mir-rikavat ta' bejgh ta' immobbli mill-wirt ta' Dun Mikiel Buttigieg u li l-konvenuta ddepozitat f'kont personali taghha.

**Total globali (1 + 2)**
**€197,982.**

Porzjon disponibbli ................................€131,988.
**Porzjon mhux disponibbli ....................€65,993.**

M'hemmx dubju li bid-disposizzjonijiet li ghamlet Giuseppa Mizzi *vita durante*, qabzet il-porzjon mhux disponibbli. Fil-wirt m'hemmx bizzejjed sabiex l-atturi jithallsu dak li hu dovut lilhom bhala sehem rizervat. Sabiex l-atturi jkunu jistghu jircievu dak li jispetta lilhom skond il-ligi irid isir it-tnaqqis tad-donazzjonijiet li saru mill-mejta. Il-kawza saret kontra l-werrieta ta' Giuseppa Mizzi, ghalkemm fil-mori tal-kawza Eucharist Mizzi rrinunzja ghall-wirt ta' ommu. Ghal dan l-ezercizzju japplikaw ir-regoli tal-Artikolu 647 tal-Kodici Civili u ta' warajh dwar tnaqqis ta' disposizzjonijiet ta' testment.

Mill-kalkoli li ghamlet il-qorti l-ammont li kull wiehed mill-atturi ghandu jircievi bhala sehem rizervat hu ta' **sittax il-elf erbgha mija u tmienja u disghajn ewro (€16,498)**. Min-naha tal-konvenuta kienet iddikjarat li hi lesta li thallas dak li jigi likwidat bhala sehem rizervat pero' kien hemm kontestazzjoni dwar l-ammont.

Ghal kull buon fini l-qorti ticcara li din is-somma m'ghandix tithallas b'zieda mal-legat ta' €6,988 imholli lil kull wiehed mill-atturi[19].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Fir-rigward tal-wirt ta' John Mizzi tiddikjara li l-assi ereditarji tieghu jikkonsistu fis-sehem li kellu ta' 1/8 mill-fond 20, Triq it-28 ta' April 1688, Qala u s-sehem tal-mobbli li kien hemm fid-dar.**

[19] Ara Artikolu 620(5) tal-Kodici Civili li jipprovdi li dak li jigi mholli b'legat ghandu jinghata bhala hlas akkont tas-sehem rizervat, u f'kull kaz peress li d-decujus ittrasferiet b'donazzjoni iktar mill-porzjon disponibbli, dak li ordnat fit-testment jibqa' bla effett.

**2. Tassenja dan is-sehem lill-konvenuta Maria Rita Meilak b'dan li ghandha thallas lil kull wiehed minn hutha s-somma ta' sitt elef tmien mija u hdax-il ewro (€6,811). B'dan li qeghda fl-istess waqt tassenja lil Maria Rita Meilak is-sehem li d-decujus kellu mill-mobbli li kien hemm fl-istess dar.**

**3. Tiddikjara li l-gid li ghandu jitqies ghal dak li jikkoncerna l-kalkolu tas-sehem rizervat mill-wirt ta' Giuseppa Mizzi hu dak li jissemma hawn fuq.**

**4. Tillibera lil Eucharist Mizzi mill-osservanza tal-gudizzju ghal dak li jikkoncerna hlas tas-sehem rizervat mill-wirt ta' Giuseppa Mizzi. B'dan li ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu relatati mat-talbiet li jikkoncernaw il-wirt tal-omm, gialadarba kien biss fil-mori tal-procediment li rrinunzja ghall-wirt ta' ommu.**

**5. Tikkundanna lill-konvenuta Maria Rita Meilak sabiex thallas lil kull wiehed mill-atturi s-somma ta' sittax il-elf erbgha mija u tmienja u disghajn ewro (€16,498) bhala s-sehem rizervat mill-wirt ta' ommhom Giuseppa Mizzi. Bl-imghax li ghandu jiddekorri mis-17 ta' Novembru 2007, cjoe' d-data meta gie notifikat lill-konvenuta l-protest gudizzjarju prezentat fid-9 ta' Novembru 2007.**

**6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri mit-talbiet l-ohra.**

**Spejjez relatati mat-talbiet dwar il-wirt tal-missier jinqasmu bejn il-partijiet f'sehem ta' ¼ kull wiehed, u spejjez relatati mat-talbiet dwar is-sehem rizervat[20] ikunu a karigu tal-konvenuta. B'dan li l-ispejjez tal-perit tekniku Frank Muscat ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, gialadarba fil-mori tal-proceduri kien intlehaq qbil dwar is-sehem li l-genituri kellhom mill-fond tal-Qala u wkoll dwar il-valur fiz-zmien li saret id-donazzjoni.**

[20] Talba numru 7, 8 u 9 u nofs l-ispejjez relatati mal-ewwel u tieni talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------